*Kitba ta'*
**Mario Attard**

### Edukatur, Storiku u Folkloristiku Bormliż li ppreżenta l-ewwel Storja ta' Malta bil-Malti

# Pietru Pawl Castagna (1827-1907)

## Twelid u Formazzjoni

Nhar is-16 ta' Ġunju 1827 Antonio u martu Carmela (kunjomha ta' xebba kien Gonzi) kellhom iben u semmewh Pietru Pawl. Kiber u trabba mdawwar bis-swar li jdawru lil Bormla. Dan il-fatt daħal fil-qalb u l-ħsieb ta' dan it-tfajjel u rawwem fih ftit ftit l-imħabba għall-Istorja ta' Malta. Din l-imħabba kibret miegħu u tul is-snin tat il-frott.



*Pietru Pawl Castagna (06/06/1827-13/04/1907)*

Studja fil-Liċeo tal-Belt Valletta u daħal jaħdem mal-Gvern bħala għalliem fl-iskejjel elementari. Minn assistent f'dawn l-iskejjel laħaq surmast fl-iskola ta' Bormla. Wara sar direttur ta' l-Edukazzjoni Elementari.

Pietru Pawl Castagna waqqaf Għaqda storika fejn b'riħitha kien jagħti *lectures* fuq l-istorja ta' Malta, kien jorganizza ħarġiet kulturali u jagħmel ħafna riċerki storiċi. Barra minn hekk, Castagna kien iħobb ħafna jniżżel fuq kulma kien iqisu ta' interess. Iktar tard, il-Prinċep Albert kien ħajru jistampa t-tagħrif storiku kollu tiegħu fi ktieb. Lil dan is-suġġeriment Castagna laqgħu u iżjed tard wettqu. Bħala Malti li jħobb lil pajjiżu u iktar u iktar imbagħad bħala għalliem, Pietru Pawl Castagna kellu konvinzjoni li l-Maltin għandhom jitgħallmu l-lingwa u l-istorja tagħhom. Dan l-interess u din id-determinazzjoni tiegħu seta' japplikahom b'iżjed poter meta laħaq direttur ta' l-Edukazzjoni Elementari.

Iż-żmien wera kemm Castagna kellu raġun jemmen li l-ilsien Malti huwa għodda eċċellenti biex permezz tagħha l-Maltin jitgħallmu ġrajjiet art twelidhom.

Dan jistqarru pubblikament Castagna nnifsu nhar il-5 ta' Ottubru 1861 fil-ġurnal *Vessillo Maltese* (jiġifieri l-bandiera Maltija). Naraw hawnhekk traduzzjoni Maltija tal-verżjoni oriġinali bit-Taljan:

***Issa li, bir-raġun kollu, bdiet il-persważjoni dwar il-bżonn ta' l-idjoma popolari bħala mezz ta' edukazzjoni għall-poplu; issa li ħidmiet ġodda f'dan il-qasam qed ikunu milqugħa bi pjaċir mill- pubbliku, xejn m'huwa iktar bżonnjuż u istruttiv minn ġrajja tal-pajjiż miktuba bl-istess lingwa li biha huma miktuba ħidmiet oħra moqrija b'ħila mill-poplu tagħna. L-ewwel ktieb ġewwa librerija għandu jkun bla dubju dak ta' l-Istorja; liema ktieb ikun miktub bl-ilsien tal-poplu. Il-ġrajja ta' pajjiż, jekk inhuwa ta' kurżità għall-barrani, hija ta' bżonn u għarfien għall-indiġenu, u l-fatt li hija miktuba b'ilsienu jista' jaqraha bosta drabi qalb in-nies u li ma jafux...***

L-istoriku Bormliż kiteb dan l-avviż lill-poplu Malti sabiex jaqsam miegħu l-fehma li kellu li joħroġ dik li kellha tkun l-ewwel Storja ta' Malta bil-Malti. Fl-istess waqt, b'dan l-avviż għamel talba lill-imseħbin għal dan il-ktieb.

Sena wara li sar dan l-appell, fl-1862, Ġan Anton Vassalli ħareġ Storja ta' Malta bil-Malti. Fir-realtà iżda ma kienx xogħol oriġinali bil-Malti iżda verżjoni mqassra u maqluba bil-Malti mill-oriġinal bit-Taljan li Dr. Vassallo stess ħareġ fl-1854 mill-istamperija ta' l-aħwa Bonello, bl-isem *Storia di Malta raccontata in Compendia*. Għall-kuntrarju, Castagna kiteb l-istorja tiegħu ta' Malta oriġinarjament b'mod dettaljat b'ilsien il-poplu Malti.

Meta mbagħad kiteb id-daħla tal-ktieb tiegħu, Castagna stqarr: ***Illum, li quasi colhat jaf jakra bil malti, ghaib ghalih min ma ghandux lis-storia ta pajisu mictuba bil lingua li jitkellem, dan u l'ewwel ktieb li wihed imissu icolu fil libreria tieghu...*** Imbagħad jistqarr ukoll li kien sejjer iqassmu fi tliet partijiet: (i) kelmtejn fuq l-art Maltija u l-prodotti li tagħti, (ii) dak li għadda minn Malta sa mill-ewwel nies, u (iii) qwiel u ħwejjeġ oħra ta' interess.

## L-Ewwel Storja ta' Malta bil-Malti

Pietru Pawl Castagna ħareġ l-ewwel edizzjoni ta' l-Istorja ta' Malta fl-1865 f'żewġ volumi bl-isem ta' *Malta bil ghzejjer Tahha u li Ghadda min Ghaliha*. It-tieni edizzjoni stampaha fl-istamperija *C. Busuttil* ta' 133, Strada Forni, Valletta bejn is-snin 1888-1890, din id-darba b'isem ieħor, *Lis Storja ta Malta bil Gzejer Tahha*.

Victor Fenech f'*Il-Ktieb Malti* (paġna 112) iqis lill-ktieb ta' Castagna bħala enċiklopedija fuq Malta għaliex jippreżenta ħafna tagħrif f'varjazzjoni ta' oqsma. Jista' jiżdied ukoll li Castagna b'dan ix-xogħol storiku tiegħu ppreżenta tifsila għall-kittieba li kellhom jiġu warajh. Hekk għamlu G. Faurè bejn is-snin 1913-16 bl-erba' volumi tiegħu *Li Storja ta' Malta u Għawdex* kif ukoll Tankredi Borg u Vincenzo Busuttil bejn is-snin 1921-32 bid-*Dizzjunarju Enciclopedicu* f'disa' volumi. Ġużè Cassar Pullicino jgħidilna f'*Kitbiet Oħra tas-Seklu Dsatax* (p.50) li fuq din il-metodoloġija l-kittieba Maltin baqgħu jibnu xogħolhom sas-Seklu Għoxrin.

Bil-ktieb tal-ġrajja ta' Malta fil-vernakular, Cassar Pullicino jqabbel lil Castagna ma' G.F. Abela u G.A. Ciantar. Pietru Pawl Castagna għamel bil-lingwa Maltija dak li kien għamel Ġan Franġisk Abela bit-Taljan fl-1674 bil-ktieb storiku *Della Descrittione di Malta con le sue antichità et altre notitiae*.

Żewġ avvenimenti storiċi seħħew f'Malta fis-snin qabel il-ħruġ ta' l-istorja ta' Castagna. Fl-1839 għaddiet il-Liġi ta' l-Istampa li rat il-ħolqien ta' l-ewwel ġurnali bil-Malti. Fl-istess waqt fis-snin li ġew wara Malta rat lill-iskejjel joktru u l-qari tal-Malti fihom dejjem jiżdied. Avveniment ieħor u li kellu importanza kbira biex il-Maltin bdew





iħobbu u japprezzaw bis-serjetà lil pajjiżhom, kien l-ilqugħ f'pajjiżna ta' l-eżiljati politiċi Taljani fil-ġlieda tagħhom għall-għaqda ta' l-Italja f'pajjiż wieħed (ħolma li saret realtà fl-1870). Il-preżenza ta' dawn l-eżuli kif ukoll il-ħidma patrijottika għal art twelidhom issarrfet f'patrijottiżmu fost il-Maltin għal Malta, art twelidhom. Dik l-epoka kienet ta' stimulu kbir għal P.P. Castagna biex ikomplu jixgħel dak il-patrijottiżmu bis-saħħa ta' l-għarfien ta' l-ilsien nazzjonali Malti fost il-Maltin.

Fit-tieni volum ta' l-Istorja ta' Malta li ppreżenta, lil Castagna nsibuh jagħmel referenza għal Bormla b'rabta ma' l-ewwel festa nazzjonali fl-1891. Referenza oħra li jagħmel għal Bormla hija marbuta ma' dak li seħħ f'Bormla stess fl-okkażjoni ta' l-Arblu ta' Mejju (ara paġna 6 tan-noti). Dan kien sar fid-19 ta'Mejju 1814 u seħħ wara li kienet ġriet l-aħbar tal-paċi wara l-iffirmar tat-Trattat ta' Pariġi. F'paġna 425 tat-tieni volum tiegħu, Castagna jagħti tagħrif dwar l-istorbju kbir li kien inqala' u li ħalla 33 ruħ mejta.

Tajjeb inżid illi fl-1985 id-dar Maltija tal-kotba *Midsea Books*, bdiet toħroġ serje ta' *facsimile editions*. B'kollox ħarġu għaxar kotba storiċi antiki, fosthom it-tieni edizzjoni ta' Castagna fejn fit-tieni volum hemm inkluż ukoll it-tielet ktieb.

## Castagna u l-Palk Malti

Huwa minnu li Pietru Pawl Castagna huwa miżmum bħala pijunier ta' l-istorja ta' Malta miktuba b'ilsien il-poplu. B'danakollu, Castagna fittex li jkompli jqajjem u jkattar l-imħabba għall-ilsien Malti b'*medium* ieħor – il-*palk*!

Ġużè Gatt f'*Il-Berqa* tad-9 ta' Novembru 1937 jikteb li Castagna kellu xewqa kbira li l-*palk* Malti jirnexxi u jkompli javvanza. Sehmu tah: kien jagħmel ħiltu sabiex id-dilettanti tal-*palk* Malti jsiru jafu jirreċtaw tajjeb bħall-atturi barranin.

Gatt jikteb ukoll li Castagna kien l-ewwel wieħed li kiteb bil-Malti r-regoli tal-palk f'Malta. Dawn l-ikkunsidrati kodiċi tal-*palk* Malti kien stampahom bħala żieda mal-farsa *Bażlakku fit-Taħbil tal-Magna*. Bil-kontribut li ta lill-*palk* Malti, P.P. Castagna ngħaqad ma' Wiġi Rosato, Rikkardu Taylor u Mons. Ludovik Mifsud Tommasi, l-erbgħa li huma Bormliżi. Dawn ilkoll taw kontribut siewi lil-Letteratura Maltija. Barra minn hekk, Castagna u Rosato t-tnejn kellhom rabta mill-qrib mal-Birgu.

Kien żmien li fih il-*palk* Malti kien biex ngħid hekk l-iktar divertiment imfittex u għalhekk kien effettiv ħafna. Dan ifisser li għal Castagna, il-*palk* kien l-aħjar mezz ta' edukazzjoni tal-massa.

Pietru Pawl Castagna kien id-direttur ta' *La Compagnia Filodrammatica Vittoriosa*. Huwa kien il-moħħ wara din l-għaqda ta' dilettanti tal-*palk*. Kien jikteb drammi proprju għall-istess kumpanija biex ittellagħhom fuq il-*palk*. B'eżempju, din il-kumpanija bejn l-1856-59 ħadmet farsa u kummiedja tad-direttur tagħha.

Fares jew kummiedja li kiteb Castagna huma:

- *L-Aħħar tas-Sena...* farsa li nħadmet fit-30 ta' Diċembru 1856;
- *Il-Kongress tas-Sefturi* – kummiedja li hija verżjoni Maltija addattata mit-Taljan f'ambjent ta' Malta fl-1800. Din kienet inħadmet fit-30 ta' Diċembru 1859;
- *Bażlakku fit-Taħbila tal-Magna* – skerz komiku; u
- *It-Tliet Għomi Vagabondi Ħallelin* – l-azzjoni ta' din il-ħidma għall-*palk* isseħħ fil-Belt Valletta fi tliet atti. L-ewwel parti nsibuha sseħħ fil-Barrakka ta' Fuq fis-sitta ta' filgħodu. It-tieni parti sseħħ fil-ħdax ta' filgħodu f'kamra fejn Porta Reale u t-tielet parti ġewwa d-dar tal-Baruni Flavio fit-tlieta ta' wara nofsinhar.




Minnhom kollha, l-ewwel tnejn kienu l-aktar popolari.

Kif jidher, il-komiċità kienet il-ġeneru teatrali familjari ma' P.P. Castagna. F'dan l-istil kien isib l-aħjar għodda biex iperreċ in-nuqqasijiet li kienu jeżistu fis-Soċjetà ta' żmienu. F'dawn id-drammi komiċi tiegħu nsibuh juża taħdit bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Malti – naturalment ried jiddistingwi l-klassijiet soċjali. Minkejja dan il-lingwaġġ kien wieħed sempliċi kemm jista' jkun, l-aktar meta juża għajdut popolari.

## P.P. Castagna bħala Folklorista

Ġużè Cassar Pullicono fis-seba' ktieb ta' *Il-Bennejja tal-Folklor Malti* jqiegħed lil Castagna ma' l-ismijiet tal-pijunieri tal-folklor Malti. Dak li wassal lil Cassar Pullicino jqis lill-kittieb Bormliż b'folklorista kien it-tqassim li bih ippreżenta l-istorja ta' Malta.

Castagna jagħtina leġġendi, kif kienu jiddevertu l-Maltin, użanzi bħall-quċċija u l-ħġejjeġ ta' San Ġwann u 625 qawl, superstizzjonijiet bħal *Ilsien San Pawl, il-Waħx u l-Gawgaw*... sa anke tagħrif dwar l-Imħallef tal-Beżqa.

Bir-raġun għalhekk Ġużè Cassar Pullicino jikteb f'paġna 37 tal-ktieb imsemmi 'l fuq li *fuq kollox, Castagna għandu l-mertu li kiteb fuq id-drawwiet bil-Malti u sal-lum għadek tiltaqa' ma' nies li kulma jafu dwar il-qedem u d-drawwiet ta' missirijiethom tgħallmuh għax qrawh fl-istorja tiegħu*...

## Bormla fl-Istorja ta' Malta ta' Castagna

Castagna ma jonqosx milli jirreferi għal belt twelidu. Il-qofol ta' din ir-referenza tinsab fl-ewwel volum ta' *Malta bil Ghzejer Tahha u li Ghadda Min Ghaliha*, fil-paġni 101 sa 110.

Bormla hija *l-art li minn fuqha kienu jgħaddu l-widien, antikament kienet kollha siġar u raba' bla maħdum*. Il-qala tagħha serqet il-ħarsa u l-qalb tas-sajjieda u l-barklori *li dejjem għażlu xtut qrib l-ibliet, bdew iressqu u jiġbdu l-ferilli u d-dgħajjes tagħhom fil-menqa, li sejħu mandraġġ... bdew ipoġġu lejn din-naħa... u bil-ftit il-ftit, qabdu jibnu fejn joqogħdu*. Sa l-Assedju l-Kbir għammru f'Bormla 1,200 ruħ. Lejn is-sena 1720 dik li qabel kienet bur laħqet abitazzjoni ta' 660 bi 3,000 ruħ. Bejn is-sehem tagħha fl-Assedju l-Kbir u bejn li kienet imdawra bis-swar, il-Gran Mastru Marc Antonio Zondadari ddikjaraha Città Cospicua.

Castagna jagħti wkoll tagħrif dettaljat fuq is-swar, wieħed wieħed, fuq il-parroċċa u l-knejjes kollha li kienu jinsabu f'Bormla ta' żmienu. Sa jsemmi wkoll il-knisja tal-Protestanti. Jissemmew l-istatwi fit-toroq ta' Bormla: Sant'Andrija (l-eqdem fosthom kollha), Sant'Elija (c. 1818) ta' Vincenzo Dimech u tal-Karmnu (1854) ta' Mastru




***Dik li kellha tkun il-Kottonera kif kienet madwar is-sena li fiha ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann.***

Ċens Sammut. Il-Kunċizzjoni mal-parroċċa ta' Bormla (1759), id-Duluri mal-kantuniera ta' l-Oratorju (1756), il-Kunċizzjoni fi Strada Concezione (1788) u San Pawl fil-Pixkerija (1870) li saret minn Mastru Anton Busuttil.

Ma jonqosx milli jagħmel referenza għat-toroq imtarrġa ta' Bormla ta' żmienu. Fosthom jissemmew Strada Buongiorno b'132 tarġa, Strada Toro b'170 tarġa, Santa Liena b'200 tarġa u Strada Oratorio b'215-il tarġa. Interessanti nkunu nafu li fi żmien Pietru Pawl Castagna, f'Bormla kienu jeżistu 120 fanal tal-gass. Mill-banda l-oħra, jgħidilna li l-Pjazza ta' Santa Margerita kienet irranġata bis-siġar fl-1875.

L-istoriku Bormliż jagħmel referenza għall-għargħar li fl-imgħoddi ġmielu Bormla kienet tbati bil-bosta. *Dulluvju* partikolari seħħ nhar il-Ħadd, 10 ta' Ottubru 1869 waqt il-festa ta' San Mikiel. Dakinhar Bormla *kienet għoddha fgat fl-ilma, u l-abitanti kellhom joħorġu minn djarhom bid-dgħajjes: ħaġa, li tant kemm ġiebet biża', daqs tant ieħor ġiebet daħk u żufjett.*

## Għeluq

Nhar it-13 ta' April 1907, Pietru Pawl Castagna miet. Ħajtu għexha fl-imħabba għall-ilsien Malti. B'determinazzjoni kbira tgħallem biex ikun jista' jwettaq il-ħolma ta' ħajtu: li l-poplu Malti jagħraf li għandu lsien b'saħħtu u li permezz tiegħu jista' jeduka ruħu u jtejjeb il-ħajja soċjali tiegħu.

**Għejun ta' Tagħrif:**


1. *Il-Ktieb Malti*, Victor Fenech, Kullana Kulturali, Vol. 65, 2004.
2. *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku*, Robert Mifsud Bonnici, D.O.I., 1960.
3. *Maltese Biographies of the Twentieth Century*, Michael Schiavone, Pubblikazzjoni PIN, 1997.
4. *Il-Bennejja tal-Folklore Malti* – Nru.7, Ġużè Cassar Pullixino, Università Rjali ta' Malta, 1964.
5. *Kitbiet Oħra tas-Seklu Dsatax*, Ġużè Cassar Pullicino, Kullana.
6. *Il-Gazzettier Malti*, Nru. 6, 30 ta' Awissu 1859.
7. *Vessillo Maltese*, 5 jew 15 ta' Ottubru 1861.
8. *Malta bil Ghzejer Tahha u li Ghadda Min Ghaliha*, P.P. Castagna, 1865.
9. *Lis Storja ta Malta bil Gzejer Tahha*, P.P. Castagna, 1888-90.
10. *Malta e Sue Dipendenze*, 13 ta' April 1907.
11. *Il-Berqa*, 9 ta' Novembru 1937.
12. *Ward ta' Qari Malti*, P.P. Saydon u Ġ. Aquilina (Edituri), it-Tieni Ktieb, 1972, pp. 181-186.



**Cutting Edge**

**Hair & Beauty Salon**

Unisex Salon by **Dorianne Camilleri**

**3, St. Margaret Street, Cospicua • Tel: 2180 7976**

***We've got the complete treatment for you.***




